KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt

***Minuti tal-Laqgħa b'Urgenza Numru 39 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2013 fis- 6.00 p.m.***

***<u>Preżenti</u>***

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**Talba**

Il-laqgħa bdiet fis-6.02 pm billi ntqalet it-talba.

**39/01** ***Access Rights ghal-Generic email account*** **tal-Kunsill ghas-Sindku u *administrative issues* ohra.**

**39/01/01** Is-Sindku spjega r-raguni ghalfejn issejjhet din il-laqgha b'urgenza. Il-Kunsill innota li:- (1) Waqt Laqgha tal-Kunsill Numru 36 li inzammet fit-13 t'Awissu 2013, is-S.E. kienet infurmat lill-Kunsill li hi kienet ser titlob kjarifika minghand id-DLG jekk is-Sindku jistax ikollu access ghall-*generic email* tal-Kunsill. (2) Ghalkemm din il-kjarifika ghadha ma wasiltx ghand il-Kunsill, nhar il-Gimgha, 20 ta' Settembru 2013, is-S.E. kitbet lid-DLG sabiex l-access li ghandu s-Sindku (li ilu ghandu ghal-diversi snin – evidenza dokumentata ipprezentata waqt l-laqgha) - jitnehha. (3) Is-Sindku kiteb lid-DLG u talab li din it-talba tas-S.E. tinzamm *in abeyance* sakemm hu ilaqqa l-Kunsill halli jgib direzzjoni dwar din l-*issue*. (4) Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li bhala Kap ezekuttiv, finanzjarju u amministrattiv tal-Kunsill hi tista tnehhi dan l-access u l-Kunsill ma jistax jiddeciedi dwar din l-*issue*.

Il-Kunsill unanimament ma qabilx mas-S.E. u unanimament iddecieda li s-Sindku ghandu jibqa jkollu access ghal *generic email* tal-Kunsill Lokali ta' Hal Gharghur halli jkompli jghin fl-amministrazzjoni tal-operat tal-Kunsill u jkun jista jmexxi b'mod effettiv kif ghamel ghal diversi snin minghajr problemi. Id-DLG ghandu jigi infurmat b'din id-decizjoni.

**39/01/02**

Is-Sindku informa li hu rega ircieva ilmenti li xi residenti cemplu l-ufficcju tal-Kunsill wara li hinijiet tal-ftuh tal-ufficcju ghall-pubbliku u t-telefonata taghhom ma gietx risponduta. Il-Kunsill innota li:- (1) Ilmenti simili kienu dahlu fil-passat ricenti u l-Kunsill kien gibed l-attenzjoni tal-istaff tal-Kunsill li sakemm huma ikun ghadhom xoghol, waqt il-hinijiet normali taghhom (mhux *overtime*), kull telefonata li tidhol trid tigi risponduta halli jinghata servizz tajjeb. (2) Is-S.E. infurmat li jekk hi tkun ghaddejja fuq xoghol amministrattiv ma tistax toqghod twiegeb it-telefon. (3) Is-S.E. infurmat ukoll li rceviet kjarifika mid-DLG fejn qalluha:- *B'riferenza ghall-email tieghek gentilment ninfurmak li l-hinijiet tal-ufficcju huma dawk stabbiliti. Matul dan il-hin is-S.E. kif ukoll l-impjegati ghandhom jaraw li jaqdu bl-ahjar mod u fl-iqsar hin possibbli lill-klijenti. Id-Dipartiment ma hux ser jordna lil xi ufficcjal biex iwiegeb jew jara n-nies wara l-hinijiet stabbiliti ghalkemm l-ufficcjal ghandu jkollhu l-etika u r-responsabbilta' lejn l-ufficcju li huwa fih iservi*. (4) Il-Kunsill innota li d-DLG ma qalx specifikatament li telefonati ma ghandhomx jigu risponduti anzi accenna fuq il-htiega u l-etika li jinghata servizz mill-aqwa lill-klijenti. (5) Dan hu propju l-ispirtu tad-decizjoni tal-Kunsill meta insista li jigi rispondut it-telefon. (6) Il-hinijiet tal-ufficcju l jahdmu l-impjegati tal-Kunsill huma itwal mill-hinijiet li l-ufficcju ikun miftuh ghall-pubbliku u meta l-Kunsill iddecieda fuq il-hinijiet il-godda tal-ftuh dan kien suggett li ghalkemm l-ufficcju ikun maghluq, telefonati jigu risponduti.

Il-Kunsill unanimament ikkonferma d-decizjoni li kienet ittiehdet meta inbiddlu l-hinijiet tal-ftuh tal-ufficcju u rega heggeg lill-istaff sabiex jiehdu hsieb iwiegbu t-telefonati, li generalment ikunu ftit, li jidhlu waqt il-hinijiet normali tax-xoghol taghhom.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

**39/01/03** Il-Kunsillier Christopher Fenech tkellem dwar korrispondenza li ghaddielhu s-Sindku rigward Triq Ghaxqet l-Ghajn u li f'dawn l-ahhar jiem saret diskussjoni dwarha flimkien mas-Sindku u s-S.E. Jidher li din il-persuna kitbet darbtejn lill-Kunsill. Jidher ukoll li mhux dejjem qed tinhareg *acknowledgement* u/jew jinghata rispons f'hin ragjonevoli ghall-korrispondenza li tasal fl-ufficcju tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li kif sar kemm ilu imwaqqaf il-Kunsill kull korrispondenza li tasal fl-ufficcju tal-Kunsil - kemm dik bil-posta normali kif ukoll b'mod elettronikac - ghandha titpogga fil-'IN' file halli b'hekk il-Kunsilliera kollha ikollhom access u jkunu infurmati x'inhu ghaddej. Ghandha tinhareg *acknowledgement* u tinghatu risposta fi zmien ragjonevoli. Kull korrispondenza li johrog il-Kunsill ghandha titpogga fil-'OUT' file. Is-S.E. qalet li l-Kunsilliera (minbarra s-Sindku) ghandhom dritt jaraw il-korrispondenza wara li jkunu kisbu l-permess taghha.

Il-Kunsill ma qabilx mas-S.E. u gie innotat li bis-sistema li thaddmet matul is-snin qatt ma kien hemm problemi. Il-Kunsilliera ihossu li bhala rapprezentanti eletti ghandhom ikunu jafu x'inhu ghaddej minghajr hafna burokrazija zejda halli b'hekk ikunu jistghu jittiehdu decizjonijiet b'mod effettiv u fi zmien ragjonevoli.

Il-Kunsill unanimament qabel li Il-Kunsilliera ghandhom ikollhom id-dritt li jaraw il-korrispondenza kollha li tasal fl-ufficcju tal-Kunsill kemm dik elettronika kif ukoll dik bil-posta normali minghajr il-bzonn li joqghodu jiksbu l-permess minn qabel tas-Segretarju Ezekuttiv u sabiex jintlahaq dan il-ghan, kif sar matul is-snin, kull korrispondenza li tasal ghandha titpogga go *file* li jkun accessibbli ghall-Kunsillieri kollha. Files ohra tal-Kunsill ghandhom jissakkru gol-cabinets u c-cwievet jinzammu mis-S.E. jew l-istaff skont kif tiddeciedi hi. Il-flus, cheques etc ghandhom jinzammu fis-*safe*.

**39/01/04** Il-laqgha intemmet fis-7.08pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **1 t'Ottubru 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |